# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Numru : 3**
**Citaz. Numru : 991/01/RCP**

**Exalco (Metals & Steel) Limited**

**vs**

**Alpha Colour Limited u Aluminium Extrusions Limited, bhala granti ta' l-istess Alpha Colour Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' USD193,963,81 (mija u tlieta u disghin elf disgha mija u tlieta u sittin dollaru Amerikan 81c) skond skrittura li saret fl-14 ta' Mejju 2001 (kopja annessa dok A) liema somma kellha tithallas kif miftiehem bejn il-partijiet f'skadenzi regolari.

Illi skond l-istess skrittura klawzola 3.01 l-ammont kollu jigi dovut immedjatament jekk tinqabez skadenza wahda u l-pagament in kwistjoni jibqa' dovut ghal aktar minn gimgha.

Illi attwalment l-ewwel skadenza ma thallsitx u l-gimgha koncessa skond il-ftehim ukoll ghaddiet minghajr pagament.

Illi ghalhekk l-ammont kollu sar dovut skond il-ftehim.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet validi xi jressqu.

Ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li s-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur ta' l-Art 167 tal-Kap XII.

2. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' USD193,963.81 (mija u tlieta u disghin elf disgha mija u tlieta u sittin dollaru Amerikan 81c)) jew l-ammont ekwivalenti f'munita lokali skond ir-rata tal-kambju applikabbli fil-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-imghax u bl-ispejjez skond il-ligi kontra l-konvenuti imharrka minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjetajiet konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba b' hames t'elef, tmien mija u erba' u tlettin dollaru Amerikan u 66c (USD5834.66) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjetajiet konvenuti **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatment ghas-somma ta' mija u tmienja u tmenin elf, mija u disa' u ghoxrin dollaru Amerikan u 15c (USD188,129.15) u dan fl-ammont ekwivalenti f'munita lokali skond ir-rata ta' kambju applikabbli fid-data ta' din is-sentenza bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Lulju, 2001**